

# Traġedja f'Ħal Tmiem - 75 sena ilu



*Kan. Ġorġ Spiteri*

Kienet is-sena 1942. Malta kienet fl-eqqel tat-tieni gwerra dinjija. Kien hawn ħafna ġuħ u għaks u mard minħabba nuqqas ta' ndafa. Il-gżira tagħna kienet kważi mkissra; kullimkien b'bini mġarraf. Nies mejta kull fejn tħares u tisma'. Il-Maltin kienu għarkupptejhom fix-xelters jitolbu lil dik l-Omm Ħanina tinterċedi mis-smewwiet ħalli tfittex tasal l-għajnuna ħalli Malta ma tmutx bil-ġuħ.

Din il-ġrajja ta' traġedja ftit li xejn jafu biha ż-Żwieten, għax seħħet proprju f'dan iż-żmien meta l-bombi tal-għadu kienu jinżlu bħax-xitàfuq Malta. Tant li ħafna jgħidu li pajjiżna, għaċ-ċokon tiegħu, kien l-iktar post ibbumbardjat mit-Taljani u l-aktar mill-Ġermaniżi fl-Ewropa kollha. Kienu jinxteħtu mijiet ta' *butterfly bombs* u mit-Taljani *thermos bombs anti personnel.* Dawn il-bombi kienu d-daqs ta' bott tal-ħalib, li malli tersaq lejhom jew tmisshom jisplodu u joqtlu lil dawk viċin, anke sa 30 pied 'il bogħod. Kienet diffiċli tkun taf fejn waqgħu dawn il-bombi. Tista' tkun miexja jew taħdem fir-raba' u tmiss ma' xi waħda minnhom, b'konsegwenza ta' splużjoni u mewt zoptu.

Kien proprju nhar it-23 ta' Ġunju 1942, eżatt 75 sena ilu, lejliet San Ġwann tal-ħġejjeġ. Ħal Tmiem kien jagħmel parti miż-Żejtun, bejn il-knisja magħrufa bħala ta' San Girgor u l-kappella ta' Santa Marija u l-bajja ta' San Tumas jew kif magħrufa bħala r-Ramla taż-Żejtun. F'Ħal Tmiem kien hemm ħafna bdiewa li kellhom familji kbar x'jitimgħu. Uħud minnhom, barra x-xogħol tar-raba', kienu jagħmlu l-irkotta li kienu jmorru jbigħuha fl-ibliet i.e. il-Belt u l-Kottonera. S'intendi ma kienx hemm karozzi, allura kienu jerħulha bil-mixi sa minn kmieni filgħodu.



Din il-ġrajja dejjem smajtha mingħand ommi, għax kemm-il darba kienet tħobb tirrakkontaha. Ommi dak iż-żmien kellha ħames snin u nofs. Iżda l-aktar xhud importanti kienet Franġiska Busuttil neè Spiteri. Franġiska, li dak iż-żmien kienet xebba żgħira ta' xi tlettax-il sena, għadha ħajja mimlija għomor, kważi 88 sena. Dak li qaltli ommi u dak li qaltli Franġiska jaqbel perfettament. Semmejt lil din il-mara għax kienet waħda mill-vittmi, li b'xorti tajba baqgħet ħajja, għalkemm damet ħafna snin tbati l-konsegwenzi ta' dik it-traġedja.

F'dan l-inċident ikrah kienu involuti żewġt irġiel li kellhom familja xi jrabbu: Wenzu Spiteri (tad-Densis) u Ġużeppi Spiteri (Taz-Zegug) u t-tifla ta' Ġużeppi, Franġiska li baqgħet ħajja. Meta kellimt lil Franġiska, kitbitli dak kollu li tiftakar li ġara.



Se nikteb dak li kitbet Franġiska Busuttil neè Spiteri: Kien żmien il-gwerra 1942. Dik is-sena, fix-xahar ta' April, kienu taw lil Malta il-George Cross mir-Re George VI għall-qlubija kbira li l-Maltin wrew fil-gwerra. Kien żmien mill-aktar ikrah fuq il-gżejjer Maltin. Malta kienet qed tmut bil-ġuħ.

*ikompli minn paġna 67*

Kienet ġurnata ta' Ġunju, it-23, eżatt lejliet il-festa ta' San Ġwann Battista jew tal-ħġejjeġ, meta missieri qalli biex immur fejnu, fl-għalqa li kienet tiġi lejn Ħal Tmiem. Qalli biex immur ngħinu jaqla' l-basal u jiena mort xi sigħat wara. Kif dħalt fil-mogħdija li tagħti għall-għalqa tagħna, rani z-ziju Salv u qalli, "Qed taraha din il-ħofra li għamlet il-bomba. Din il-ħofra, li kellek tagħmilha bil-kumpass, żgur li ma ġġibhiex tonda eżatta mnaddfa. Kienet qisha turtiera bil-forma, però kienet ta' kobor ħafna iżjed mill-balla. Kienet bomba li malli tesplodi tixħet ħafna bombi oħrajn qishom bottijiet tal-ħalib. Dawn kienu xterdu f'ħafna postijiet. Skont Franġiska, xi suldat Ingliż beda jibki għax ma setax isibhom u kien jaf li min isibhom, kif imisshom, mewt zoptu. Kien qed ifittex xi tlieta minnhom.

Mela jiena wasalt l-għalqa fejn missieri u rajtu jitkellem ma' raġel li miż-żmien jiġi missieru, għax missieri kien għad għandu 51 sena u huwa kellu fuq is-sebgħin. Dan kien Wenzu Spiteri (tad-Densis). Wara ftit telaq Wenzu, imma wara ftit minuti narah rieġa' ġej b'bott qisu tal-ħalib, b'ħadida fin-nofs twila u fit-tarf kellha mnejn iżżommha. Il-bott kien griż skur u qallu Wenzu lil missieri Ġużeppi, "Ara, xi *cups* ta' balla dan Ġuż?" Hekk kif dawn kienu wiċċhom lejn xulxin mal-ħajt tal-għalqa, li kienet iktar baxxa minn għalqa oħra tal-aħwa Mattew u Karmenu Fenech jew (tal-Fenek). Hekk kif kienu qed jitkellmu, f'daqqa waħda nisma' splużjoni qawwija u ma rajt xejn iżjed u għidt, "Missier se mmut," u wara ftit minuti bdejt nara lili nnifsi mimlija demm. Kelli nara l-ewwel lil Wenzu d-Densis, kien qisu mħaffer bit-torn f'rasu kif ukoll missieri mixħut fl-art mejjet. Kienet xena tal-biża' u tal-biki tara 'l missierek imut fi ftit sekondi.



Il-frame tal-balla tant tar 'il bogħod li ġie fuq il-qiegħa ta' żewġ għelieqi 'l fuq, fejn kien hemm iz-ziju Salvu u z-ziju Anġlu. Kif għedna, kien hemm spazju ta' żewġ għelieqi, biex tara x'saħħa kellha din il-bomba *anti personnel*, setgħet korriethom ukoll.



Hekk kif kont mimlija demm, nara raġel ġej mill-għalqa ta' fuqna. Kien Mattew ta' Fenek, li kien qed jaħdem fl-għalqa u sema' l-bomba tesplodi. Mattew qalli, "Kif inti?" u staqsieni jekk niflaħx nitla' l-ħajt u ħadni mill-ewwel għand ħuh Karmenu tal-Fenek, għax kienet l-eqreb dar, u daħħalni għandhom. Luċija, il-mara ta' Karmenu, offrietli s-sodda biex nidħol fiha sakemm tiġi l-ambulanza.

S'intendi ftit wara ġiet l-ambulanza fejn ħadet il-mejtin l-għassa tal-pulizija u lili lejn l-isptar. F'xi għalqa fil-qrib kien hemm ukoll Salvu Spiteri li kellu madwar tlettax-il sena, ġuvnott imfarfar kif ngħidu, li jiġi bin Wenzu tad-Densis, li kif ġie fil-qrib tal-post tat-traġedja, bil-biża' tela' jiġri għand ommi jgħidilha x'ġara. Ma nistgħux ma nsemmux dak li qaltli ommi. Il-biki kbir u swied ta' qalb f'dawn iż-żewġ familji, tad-Densis u taz-Zeguk. Franġiska qaltli li tgħidx kemm damet tħoss uġigħ f'rasha għal xi snin, kif ukoll kienet se titlef id-dawl ta' għajnejha, imma b'xorti tajba wara ħafna kura Franġiska ġiet għan-normal.

Ma nistax ma nsemmix it-traġedja ħafna ikbar minn din li ġrat xahar qabel, fit-2 ta' Mejju. Kien is-Sibt 1942, meta bomba tal-għadu niżlet fuq iz-zuntier tal-knisja fil-ħdax neqsin kwart ta' filgħodu, hekk kif in-nies kienu ħerġin mill-quddies u qatlet 28 ruħ mir-raħal tagħna.

Dawn huma l-konsegwenzi tal-gwerer, li dejjem l-innoċenti jbatu u jmutu, waqt li l-kbarat bilqiegħda komdi jixorbu t-tè. Ma nafx meta l-bniedem se jitgħallem li mill-gwerer u l-vjolenza ma jirbaħ ħadd, anzi kulħadd jitlef.

Nixtieq minn qalbi nirringrazzja lil Franġiska Spiteri li kitbet biċċa minn dan l-artiklu, lil Salvu Spiteri li kien preżenti qrib ix-xena tat-traġedja kif ukoll lil Indrin Zammit talli ħadni fl-għalqa fejn seħħet din id-diżgrazzja eżatt 75 sena ilu.